**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2017

Rikors Nru : 165/17AL

**AB**
**VS**
**CB**

Rat ir-rikors li gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremeta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010), hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A', u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt tas-sitta ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (06.11.2015) fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dottor Carmel Gafa'.

Il-partijiet qablu li huma ilhom separati de jure mis-sitta ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (06.11.2015), u de facto minn Frar tas-sena elfejn u tnax (2012) u ma baqghux jghixu taht l-istess saqaf sa minn din id-data. Ghaldaqstant ilhom aktar minn hames (5) snin separati.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* li l-partijiet ilhom il-fuq minn erba' snin mifrudin.

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, il-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fil-hmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010);

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li permezz taghha ecceppew:

1) Illi huma m'humiex edotti mill-fatti u jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri;
2) Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Lulju, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Novembru 2015 u de facto separati minn Frar sas-sena 2012;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.